



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.6.2011
KUMM(2011) 388 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Zuid Holland u Utrecht Division 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda jippermetti¹ l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun apparti l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Pajjiżi l-Baxxi ressq u l-applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Zuid-Holland u Utrecht Division 18, għal kontribut finanzjarju mingħand l-FEG, wara li ngħataw s-sensja għadd ta' ħaddiema minn 52 intrapriża li joperaw fi ħdan in-NACE Reviżjoni 2 Taqsima 18 (l-istampar u r-riproduzzjoni ta' medja rreġistrata)³ fir-reġjuni tal-Pajjiżi l-Baxxi NUTS II ta' Zuid Holland (NL33) u Utrecht (NL31).

Din l-applikazzjoni hija parti minn pakkett ta' applikazzjonijiet interrelatati, li kollha kemm huma jirrigwardaw l-ġhotja ta' sensji fsitt reġjuni differenti NUTS II fil-Pajjiżi l-Baxxi f'intrapriżi li joperaw fis-settur tal-istampar u r-riproduzzjoni ta' medja rreġistrata.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 il-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta prinċipali:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2010/029
Stat Membru	Il-Pajjiżi l-Baxxi
Artikolu 2	(b)
Intrapriżi konċernati	52
Reġjuni NUTS II	Zuid-Holland (NL33) Utrecht (NL31)
Taqsima NACE Reviżjoni 2	18 ('Stampar u riproduzzjoni ta' medja rreġistrata)
Perjodu ta' referenza	16.1.2010 – 16.10.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	16.1.2010
Data tal-applikazzjoni	20.12.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	800
Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma identifikati għall-ghajjnuna	800

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	3 912 589
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	163 024
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	4,0
Baġit totali (EUR)	4 075 613
Il-kontribut tal-FEG (65 %) (EUR)	2 649 148

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2010 u kienet sostnuta b'taġhrif addizzjonali sat-3 ta' Marzu 2011.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tal-FEG kif stipulat fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u tressqet fiż-żmien stipulat ta' 10 ġimgħat kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Pajjiżi l-Baxxi jisħqu li l-kriżi ekonomika wasslet għal tnaqqis sostanzjali fit-talba għas-settur tal-midja grafika. B'konsegwenza ta' dan, id-dħul fl-industrija grafika fl-2009 naqas bi 8,6 %. L-ordnijiet mis-setturi ekonomiċi l-oħrajn għall-materjal pubbliċitarju stampat, li jirrappreżenta 35 % tad-dħul totali tas-settur tal-istampar u l-pubblikazzjoni, naqsu b'mod drammatiku bejn l-2008 u l-2009 minħabba t-tnaqqis tal-baġits għall-attivitajiet pubbliċitarji u tal-midja li ġabet magħha l-kriżi ekonomika. L-applikazzjoni tikkwota bosta eżempji. Fl-industrija tal-bini, il-baġit għat-tagħrif u l-pubbliċità tnaqqas b'36,8 % mill-bidu tal-kriżi; fis-settur finanzjarju bi 33,2 % u fis-settur tat-tagħmir elettroniku għall-konsumatur bi 30,6 %. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika affettwat b'mod ħażin id-domanda għal tipi varji ta' materjal stampat tal-midja: fl-2009, id-domanda għar-rivisti popolari naqset b'25,7%, għall-gazzetti b'24,4%, għall-gazzetti kummerċjali distribwiti mingħajr ħlas b'10,54% u għar-rivisti professjonali b'23,4 %.
4. Fil-valutazzjoni tagħha ta' applikazzjonijiet għall-FEG marbuta mal-istess settur u l-istess reġjuni⁵, il-Kummissjoni diġà għamlet stqarrija dwar l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq l-intrapriżi li joperaw fit-Taqsima 18 NACE Reviżjoni 2 ('l-istampar u r-riproduzzjoni ta' midja rreġistrata') fir-reġjuni tan-NUTS II ta' Zuid-Holland u Utrecht.

Turiya tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)

5. Il-Pajjiżi l-Baxxi ressqu din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Taqsima tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.

⁴ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

⁵ COM(2010)529. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [...] (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland Division 18) u COM (2010) 530. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [...] (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht Division 18).

6. L-applikazzjoni tikkwota 800 sensja fi 52 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tan-NACE Reviżjoni 2 ('l-istampar u r-riproduzzjoni tal-midja rreġistrata')⁶ fir-reġjuni tan-NUTS II ta' Zuid-Holland (NL33) u Utrecht (NL31) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mis-16 ta' Jannar 2010 sas-16 ta' Ottubru 2010. Minn dawn is-sensji kollha, sehnew 288 sensja f'sitt intrapriżi u ġew ikkalkulati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Kien hemm 512-il sensja oħra f'46 intrapriża u dawn ġew ikkalkulati skont it-tieni inċiż tal-istess paragrafu.

Spjegazzjoni tan-natura mhix prevista ta' dawk is-sensji

7. L-awtoritajiet Olandiżi jsostnu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-impatt tagħha fuq is-settur ma setgħux ikunu previsti. L-applikazzjoni tgħid li qabel il-kriżi, l-industrija tal-istampar u l-pubblikazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi għaddiet minn proċess ta' ristrutturazzjoni li sewa ħafna flus sabiex din l-industrija setgħet tibqa' kompetittiva mal-intrapriżi 'l barra mill-UE. Minn settur immexxi mid-domanda, dan inbidel għal wieħed orjentat lejn il-provvista u għalhekk kien hemm bżonn ta' sforz qawwi sabiex l-impjegati ġew ippreparati għall-metodu l-ġdid tax-xogħol. Hemm riskju li l-kriżi attwali xxejjin il-frott tal-investimenti u l-isforzi kbar li saru mis-settur.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema identifikati għall-ghajjnuna

8. L-applikazzjoni tikkonċerna 800 ruħ li ngħataw is-sensja (li kollha huma identifikati għall-ghajjnuna) fit-52 intrapriża li ġejjin:

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Drukkerij Groen te Leiden	7	Phytalis, Leidschendam	1
Den Haag Media Groep Rijswijk	86	Schorel Drukkerij BV, Spijk	1
Alphense Drukkerij, Alphen ad Rijn	9	Stadtman BV, Delft	1
Boekbinderij Bentveld BV, Zoetermeer	8	TDS Printmaildata, Schiedam	1
Jansen Binders BV, Leiden	65	TDS Schiedam, Schiedam	1
United graphics Zoetermeer BV, Zoetermeer	48	Thieme Media Services BV, Delft	12
Molier Specials BV, Rijswijk	8	Drukkerij Sonneveld, s Gravenzande ZH	41
Handeldrukkerij T. de Vries BV, Ridderkerk	12	Binderij Afco Delcour BV, Nieuwegein	61
Van Marle Drukkerij, Moerkapelle ZH	3	Studio 01 BV, Soest	2
Alkemade Printing BV, Lisse	16	Budde Grafimedia, Nieuwegein	4
Drukkerij Stimuka BV, Rijswijk	21	Pfaff Grafische Bindwerken BV, Woerden	24
Binderij Bruystens BV, Rotterdam	19	Drukkerij Van Amerongen BV, Amersfoort	2

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
De Groot Drukkerij BV, Goudriaan	3	Biegelaar, Maarssen	35
Koninklijke De Swart BV, 's-Gravenhage	71	Plantijn Casparie IJsselstein	32
Thieme Media Center BV, Rotterdam	137	Plantijn Casparie Nieuwegein	18
Media Balance, Capelle	1	KienLabel BV, Nieuwegein	1
Ark Print, Rotterdam	1	Kerckebos Grafische Communicatie, Zeist	1
Drukkerij van den Ende, R'dam, Zoetermeer	1	Waanders Drukkers/Uitg.	1
Drukkerij van Deventer, 's Gravenhage	1	Drukkerij Linea Recta, Utrecht	1
Drukkerij de Eendracht, Schiedam	1	Boekbinderij Mirenta BV, Den Haag	1
Drukkerij dekkers BV, Dordrecht	1	Bopack Etiketten Zeist	1
Drukkerij N. van der Heijden, Rhooon	2	Vogelaar Verzenders BV, IJsselstein	1
Grafisch Bedr. Kapsenbergvanwaesberge BV, Rotterdam	1	Drukkerij Zuidam BV, Woerden	29
Micro Format Systems BV, Lisse	1	Drukkerij Ridderhof, Vlaardingen	1
Neroc BV, Capelle ad IJssel	1	Veldwijk Van Loon Graf. Bedr. BV, Waddinxveen	1
Oranje van Loon, Den Haag	1	RotoSmeets, Utrecht	1
Total ta' Intrapriżi: 52		Total ta' sensji: 800	

9. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwali
Irġiel	520	65,0
Nisa	280	35,0
Ċittadini tal-UE	752	94,0
Ċittadini mhux tal-UE	48	6,0
minn 15 sa 24 sena	144	18,0
minn 25 sa 54 sena	440	55,0
minn 55 sa 64 sena	200	25,0
Aktar minn 64 sena	16	2,0

10. Mill-ħaddiema identifikati 32 għandhom diżabilità.

11. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwali
Maniġers	56	7,0
Professjonali:	160	20,0
Tekniċi	168	21,0
ħaddiema ta' appoġġ klerikali	96	12,0
ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ	96	12,0
Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk li jimmuntaw	224	28,0

12. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li ġiet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll politika ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess fil-FEG.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

13. It-territorju kkonċernat ikopri l-provinċji ta' Zuid-Holland u Utrecht. Iż-żewġ provinċji jagħmlu parti mir-Randstad, l-iżjed żona ppopolata fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-2009, il-qagħda ekonomika fiż-żewġ provinċji marret lura u t-tkabbir ekonomiku tagħha kien wieħed negattiv (-3,2 %) meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Minn kważi 2 000 intrapriża tal-midja grafika fil-Pajjiżi l-Baxxi, 26,8 % jinsabu f'dawn iż-żewġ provinċji (18,1 % f'Zuid-Holland u 8,7 % f'Utrecht) u jirrappreżentaw 24,1 % (14,9 % u 9,2 % rispettivament) tal-impjegati fis-settur tal-midja grafika.
14. L-awtoritajiet ewlenin ikkonċernati huma l-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjeg (SZW) u l-Fond ta' Taħriġ għas-settur tal-grafika u l-medja (A&O Fonds Grafimedia) f'isem ir-Raad for Overleg in de Grafimedia Branche-ROGB (Il-Kunsill għall-konsultazzjoni fis-settur tal-grafika u l-medja). Partijiet interessanti rilevanti oħra huma l-Istitut għall-industrija kreattiva (GOC); l-organizzazzjoni pubblika responsabbli għall-konċessjonijiet (UWV werkbedrijf); l-ċentru tal-mobilità UWV; ROC Midden Nederland, ROC Mondriaan (ċentri tal-gvern għat-taħriġ vokazzjonali fil-livell reġjonali) u l-Grafisch Lyceum Rotterdam; l-organizzazzjoni għall-SMEs (MKB-ondernemingen); organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali: FNV Kiem (trejrdjunjin), CNV Media (trejrdjunjin), Koninklijk Verbond van Grafische Ondernemingen-KVGO (organizzazzjoni tal-impjegaturi) għad-distretti Gelderland/Utrecht, Den Haag u Rotterdam u l-NUV (organizzazzjoni tal-impjegaturi).

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjegati lokali, reġjonali jew nazzjonali

15. Matul l-2008 u l-2009, l-impjegati fl-intrapriżi tal-midja grafika li jinsabu f'Zuid-Holland naqsu b'14 % filwaqt li l-intrapriżi fil-provinċja ta' Utrecht naqsu b'20 %. L-awtoritajiet Olandiżi jargumentaw li s-sensji fis-settur tal-grafika se jiggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad, li diġa' marret lura minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. l-għadd ta' nies li kienu qegħdin ifittxu xogħol żdied b'16,1 % bejn Frar 2009 u Frar 2010 f'Zuid-Holland, filwaqt li f'Utrecht iż-żieda għall-istess perjodu kienet ta' 16,3 % . Barra minn hekk, peress li hemm kumpaniji tas-servizzi u fornituri li huma estremament dipendenti fuq l-industrija tal-midja grafika, ir-riskju ta' fallimenti huwa wieħed għoli u jista' jwassal għal aktar problemi fil-ġejjieni, anka wara l-kriżi.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati, inkluża l-komplimentarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

16. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Dawn se jiġu offruti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja permezz ta' ċentru ta' mobilità, imsejjaħ Ċentru Kreattiv għall-Karrieri (Creative Career Centre) (C3).

Attivitajiet ta' tħejji

- Teħid u regjistrazzjoni: Din tkopri intervista inizjali sabiex il-ħaddiem li ngħata s-sensja jiġi rreġistrat u jiġu identifikati l-miżuri l-aktar xierqa.
- Tagħrif u għajnuna: Dan jirreferi għal laqgħat kollettivi u funzjoni fejn il-ħaddiema jingħataw l-għajnuna billi jiġu pprovduti b'tagħrif dwar il-miżuri disponibbli.

Konsulenza

- Konsulenza xogħol ma' xogħol: Dan l-akkumpanjament impjeg ma' mpjeg ikopri programm individwalizzat li jinkludi skringing, it-twaqqif ta' pjan ta' azzjoni vokazzjonali u tal-karriera, orjentazzjoni tas-suq tax-xogħol u konsulenza inizjali fuq il-post tax-xogħol il-ġdid.
- Rikollokament: Dan ifittex li jappoġġja b'mod attiv lill-ħaddiema qiegħda fit-tfittxija tagħhom għal opportunitajiet ġodda ta' xogħol.
- Taħriġ fl-intervisti tax-xogħol: Dan ikopri l-analiżi ta' postijiet disponibbli tax-xogħol, appoġġ għall-abbozzar ta' CV u ittra ta' applikazzjoni u preparazzjoni għall-intervisti tax-xogħol.
- Gwida biex tiftaħ il-kumpanija tiegħek: Dan l-akkumpanjament lejn l-ħolqien ta' negozju, ifittex li jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja li bi ħsiebhom jifftu n-negozju tagħhom. Dan ikopri l-għoti ta' pariri legali, u l-għajnuna fit-tfassil ta' pjan għan-negozju u fl-appoġġ fir-rekwiżiti amministrattivi.

Taħriġ

- 'Edukazzjoni': Din tkopri taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid, ħiliet soċjali u ta' tmexxija u tekniki speċifiċi ta' taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li t-taħriġ tekniku tagħhom m'għadux b'żonnjuż.
 - Rikonossiment tal-esperjenza preċedenti (APL): Din tkopri l-evalwazzjoni tal-għarfien preċedenti u l-esperjenza ta' kull ħaddiem b'mod individwali, u tidentifika l-oqsma li jeħtieġu aktar taħriġ.
17. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll kif ukoll tagħrif u pubbliċità.
 18. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Olandiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli kif mfissra mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Olandiżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 3 912 589 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 163 024 (4,0 % tal-ammont totali). Il-kontribut totali mitlub mill-FEG hija ta' EUR 2 649 148 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	Spiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (EUR)	Spejjeż totali (l-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Teħid u reġistrazzjoni	800	193	154 716
Tagħrif u għajnuna	800	86	68 763
Konsulenza WTW (xogħol ma' xogħol)	280	3 672	1 028 293
Rikollokazzjoni	240	4 475	1 073 988
Taħriġ fl-intervisti tax-xogħol	240	1 418	340 376
Gwida biex tiftaħ il-kumpanija tiegħek stess	40	4 657	186 304
Edukazzjoni	336	2 492	837 530
Rikonoxximent tal-esperjenza preċedenti (APL):	80	2 782	222 619
Subtotal tas-servizzi personalizzati			3 912 589
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Ġestjoni			40 756
Tagħrif u pubbliċità			40 756
Attivitajiet ta' kontroll			81 512
Subtotal tan-nefqa totali għall-implimentazzjoni tal-FEG			163 024
Total tal-ispejjeż stmati			4 075 613
Kontribut tal-FEG (65 % tan-nefqa totali)			2 649 148

** It-totali ma jaqblux minhabba l-arrotondament*

19. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. IL-miżuri FSE huma disponibbli biss għall-ħaddiema b'impjeg filwaqt li l-azzjonijiet FEG jimmiraw biex iġibu lura fix-xogħol lil dawk il-ħaddiema li diġa huma qiegħda. L-awtorità tal-ġestjoni għall-FEG,

li hija wkoll l-awtorità tal-ġestjoni għall-FSE, stabbilit il-proċeduri tal-kontroll meħtieġa sabiex telimina kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju.

Data(i) li fiha/fihom bdew jew kienu ppjanati li jibdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati

20. Il-Pajjiżi l-Baxxi bdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fl-16 ta' Jannar 2010. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kull għajjuna li tista' tingħata mill-FEG.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

21. L-imsieħba soċjali kienu kkonsultati permezz tal-Fondazzjoni tas-Suq tax-Xogħol u l-Fond tat-Taħriġ għall-grafika u s-setturi tal-midja (Arbeids & Opleidingsfonds Grafimedia branche), li fid-dawl tal-kriżi qablu dwar il-ħolqien ta' ċentru ta' mobilità għas-settur li jismu C3 (Ċentru Kreattiv għall-Karrieri). L-għan ta' dan iċ-ċentru ta' mobilità huwa li jikkordina l-miżuri differenti tas-suq tax-xogħol b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali.
22. L-awtoritajiet Olandiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar sensji kollettivi, ġew osservati.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

23. Fir-rigward tat-twettiq tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Olandiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
 - urew bil-provi li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji tal-UE oħrajn.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

24. Il-Pajjiżi l-Baxxi nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jkun ġestit u kkontrollat mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-Aġenzija għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi (Agentschap SZW) se tkun l-entità intermedjarja għall-awtorità tal-ġestjoni.

Finanzjament

25. Skont il-bażi tal-applikazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-kontribut propost mill-FEG għal pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati huwa ta' EUR 2 649 148, li

jirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni mill-Fond li proponiet il-Kummissjoni hija bbażata fuq it-tagħrif li l-Pajjiżi l-Baxxi għamlu disponibbli.

26. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tal-allokkazzjoni mill-ġdid ta' approprijazzjonijiet, il-Kummissjoni tippromovi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
27. L-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja propost se jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulati fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
28. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex flivell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
29. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2011 iddaħħal approprijazzjonijiet speċifiċi għall-ħlas, kif jitlob il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-approprijazzjonijiet għall-ħlas

30. Jibqa' disponibbli ammont ta' EUR 5 306 313 fil-linja Baġitarja 04.0501 tal-FEG wara l-adozzjoni min-naħa taż-żewġ ferġat tal-Awtorità Baġitarja ta' tliet Deċizzjonijiet b'ammont totali ta' EUR 10 371 321, u inkunsiderazzjoni tas-seba' każijiet li l-Awtorità Baġitarja qed tiddiskuti bħalissa għall-ammont totali ta' EUR 31 931 316. Dan l-ammont disponibbli se jiġi użat biex ikopri l-ammont ta' EUR 2 649 148 meħtieġ għall-applikazzjoni attwali.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/029 NL/Zuid Holland u Utrecht Division 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁷, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁹,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi sostenn addizzjonali għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinjom fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jtilfu x-xogħol b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Pajjiżi l-Baxxi baġtu applikazzjoni biex jiġi mmobilizzat l-FEG, fir-rigward tas-sensji fit-52 intrapriża li joperaw fit-Taqsima 18 tan-NACE Reviżjoni 2 ('l-istampar u r-riproduzzjoni tal-medja rreġistrata') fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II Zuid Holland (NL33) u Utrecht (NL31), fl-20 ta' Diċembru 2010 u ssupplimentawha

⁷ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁸ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁹ ĠU C [...], [...], p. [...].

b'tagħrif addizzjonali sat-3 ta' Marzu 2011. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribut finanzjarju kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 2 649 148.

- (5) Il-FEG għandu għalhekk jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 649 148 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [Brussell/Strasburgu],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President